MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 23/2008

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**Vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku, D E f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha C maghrufa bil-kunjom B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru erbat elef mija u sbatax (4117) tas-sena elfejn u sebgha (2007), hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, nhar id-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) twieldet C maghrufa bil-kunjom B, f' liema certifikat tat-twelid hemm

indikat illi missierha huwa r-rikorrenti A B filwaqt li ommha hija l-intimata D E;

Illi ghal kwazi ghaxar snin, ir-rikorrenti kellu relazzjoni mal-intimata D E, dan anke bil-ghan li jikkuntrattaw zwieg;

Illi in vista ta’ din ir-relazzjoni, wara t-twelid tal-minuri, r-rikorrent A B flimkien ma’ l-intimata D E ghamlu dikjarazzjoni kongunta ai termini ta’ l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li permezz taghha l-istess minuri giet minnhom maghrufa, dan kif jirrizulta mill-istess certifikat taht il-kolonna “min jaghmel id-dikjarazzjoni?”;

Illi r-rikorrent ma kellu l-ebda indikazzjoni jew suspett li l-intimata seta’ kellha xi relazzjoni intima ma’ terzi persuni waqt l-gherusija taghhom, u kien ghalhekk li huwa gharaf lill-minuri kif premess;

Illi sussegwentement, l-intimata D E gharrfet lir-rikorrenti A B illi huwa m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri C maghrufa bil-kunjom B, u dan wara li hi, flimkien ma’ dik il-persuna suspetta li kienet il-missier naturali, u ad insaputa tar-rikorrent ghamlu ezami xjentifiku sabiex tigi determinata l-paternita’ tal-wild C maghrufa bil-kunjom B, dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti A B m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri C maghrufa bil-kunjom B u li l-minuri C maghrufa bil-kunjom B m’ ghandhiex stat konformi ma’ l-att tat-twelid taghha;

Illi r-rikorrenti ghalhekk ghandu interess jattakka l-att li bih giet maghrufa l-minuri C maghrufa bil-kunjom B imnissla u mwielda barra miz-zwieg ai termini tal-Artikolu 99 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata C maghrufa bil-kunjom B m’hijix il-wild naturali tar-rikorrent A B kif indikat

fl-att tat-twelid tal-imsemmija C B numru erbat elef mija u sbatax (4117) tas-sena elfejn u sebgha (2007);

2. Tiddikjara in segwitu illi, ghal dak li jirrigwarda l-paternita' taghha, l-imsemmija C maghrufa bil-kunjom B m'ghandhiex stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha numru erbat elef mija u sbatax (4117) tas-sena elfejn u sebgha (2007);

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel u jirregistra l-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid numru erbat elef mija u sbatax (4117) tas-sena elfejn u sebgha (2007) billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar il-missier, jithassar l-isem tar-rikorrent A B u d-dettalji kollha dwaru u jissostitwihom bil-kliem "missier mhux maghruf";

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel u jirregistra l-korrezzjoni opportuna fl-att tat-twelid numru erbat elef mija u sbatax (4117) tas-sena elfejn u sebgha (2007) billi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw isem u kunjom il-minuri jithassar kunjom ir-rikorrent u cioe' "B" u jissostitwihom b' kunjom l-omm u cioe' "E".

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent li volontarjament u minghajr ma kien soggett ghal xi presunzjoni legali, irrikonoxxa lill-minuri bhala bintu ma jistax jirtira dan ir-rikonoxximent minghajr ma jipprova li kien hemm vizzju fl-istess rikonoxximent u

talba f' dan is-sens ghalhekk bilfors trid tkun preordinata ghat-talbiet maghmula fir-rikors guramentat.

3. Illi minghajr pregudizzju ukoll, jekk it-talbiet rikorrenti jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta D E ddikjarat illi t-talbiet attrici huma gusti u jimmeritaw illi jkunu milqugha peress illi l-minuri C mhiex il-wild naturali ta' A B, kif ghandu jkun ippruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

Rat l-Avviz mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA maghmul mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C li twieldet fit-9 ta' Dicembru 2007 u rikonoxxuta minnu bhala bintu fuq l-Att tat-Twelid numru 4117/2007, mhijiex il-wild naturali tieghu; kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali fl-imsemmi Att tat-Twelid.

Minn naha taghha l-konvenuta D E taderixxi mat-talbiet attrici.

**Fatti**

Illi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta D E kienu f' relazzjoni ghal circa ghaxar snin, u meta l-istess konvenuta harget tqila kienu wkoll ddecidew li jizzewgu. Sussegwentement fid-9 ta' Dicembru 2007 twieldet it-tifla C, u l-attur irrikonoxxiha bhala bintu, stante li  ma kellu ebda suspett li t-tifla setghet ma kinitx il-wild tieghu;  izda l-konvenuta kellha suspett li t-tifla kienet ta' terza persuna li maghha wkoll kellha relazzjoni, u ghalhekk sar it-test tad-DNA minn fejn irrizulta li t-tifla ma kinitx il-wild naturali ta' l-attur.  F' dan l-istadju giet terminata r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet li ghalhekk baqghu ma zzewgux.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA jikkorroboraw din it-tezi u cioe' li l-minuri C mhijiex il-wild naturali ta' l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi, stante li t-talbiet ta' l-attur huma sostnunti mill-provi u huma gustifikati fid-dritt, jimmeritaw li  jigu milqugha.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti hija tal-fehema li fl-ewwel talba tal-attur, hemm insitu t-talba ghat-thassir tar-rikonoxximent da parti tieghu, li mill-kontenut tar-rikors jirrizultaw, bhala ragunijiet ghat-talbiet, il-premessi li l-minuri mhijiex il-wild naturali tieghu, u li fil-mument tar-rikonoxximent tat-tarbija l-attur kien gie ngannat, u ghalhekk tali rikonoxximent kien vizzjat. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma treggix.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti;  u tiddikjara li t-tifla C B mhijiex il-wild naturali tieghu, u tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4117/2007 fit-termini tat-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta D E f' isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------